# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 17**

**Rikors numru 44/16/3 PC**

**Joseph Spiteri u Francis Spiteri**

**v.**

**Margaret Falzon u Salvu Spiteri**

Preliminari:

1. Il-kontendenti huma aħwa u Giuseppa Spiteri, li mietet xebba u *improle*, tiġi z-zija tagħhom. Fit-2 ta' Frar, 2005, Giuseppa Spiteri kienet għamlet testment fejn fil-Ħames Artikolu tiegħu istitwiet lil Margaret Falzon bħala l-eredi univerali tagħha bil-kundizzjoni li l-istess Margaret Falzon u l-familjari tagħha jirrendulha s-serviġi, kuri u assistenzi li jkollha

bżonn sa mewtha u li ma jirrikoverawhiex f'dar tal-anzjani. Permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu li l-ħatra ta' werriet fil-Ħames Artikolu jiġi dikjarat bla effett stante li Giuseppa Spiteri fil-fatt kienet ġiet rikoverata f'dar tal-anzjani.

2. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2017, qieset diversi eċċezzjonijiet preliminari li ressqu l-konvenuti, senjatament:

- l-eċċezzjoni tar-*res judicata* minħabba li l-eredita` ta' Giuseppa Spiteri diġa' ġiet likwidata fil-kawża 76/2012 deċiża fit-28 ta' Ġunju, 2016;

- l-eċċezzjoni li bil-fatt li l-atturi Joseph u Francis Spiteri aċċettaw kif għandha ssir id-diviżjoni tal-eredita` ta' Giuseppa Spiteri ġie li rrinunzjaw għad-dritt li jimpunjaw xi parti mit-testment tagħha (*għall-preċiżjoni għandu jingħad li fil-fatt huma mhux qed jippruvaw jimpunjaw xi parti mit-testment iżda qed jikkontestaw l-applikabilita` tal-Ħames Artikolu);*

- l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi li jippromwovu l-kawża.

Hija ċaħdet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* iżda laqgħet l-eċċezzjonijet

preliminari l-oħra u konsegwentement astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża, u ordnat li l-ispejjeż kellhom ikunu a karigu tal-atturi.

3. L-atturi ħassew ruħhom aggravati b'tali sentenza u għalhekk fl-14 ta' Novembru, 2017, interponew appell minnha quddiem din il-Qorti, fejn talbuha tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tħassarha in kwantu laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti fil-mertu; bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi appellati.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell qed tiġi riprodotta il-parti rilevanti tas-sentenza appellata għal finijiet ta' dan l-appell:

> *"…omissis…*
>
> *Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha l-konvenuta Margaret Falzon teċċepixxi r-res judicata. Imma jirriżulta lill-Qorti, wara l-verifiki li għamlet mar-Reġistru, li kien sar appell minn din il-kawża, li għalhekk għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. L-eċċezzjoni ser tiġi għalhekk miċħuda minnufih mingħajr ebda indaġini ulterjuri.*
>
> *Bit-tieni u t-tielet eċċezzjoni ta' Margaret Falzon, u l-eċċezzjoni "1a" ta' Salvu Spiteri, qed jingħad illi bil-fatt li l-atturi ġia aċċettaw kif għandha ssir id-diviżjoni tal-eredita' tal-imsemmija Giuseppa Spiteri, huma ġew li rrinunzjaw għad-dritt li issa jimpunjaw xi parti mit-testment tagħha, li a bażi tiegħu ġew stabiliti l-ishma rispettivi tagħhom mill-istess eredita.' Infatti jirriżulta li l-attur presenti Joseph Spiteri, dakinhar flimkien ma' martu, permezz ta' Nota tiegħu fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "Margaret Falzon vs Joseph Spiteri et." li kienet titratta d-diviżjoni tal-assi ereditarji ta' missier il-kontendenti u dawk ta' żewġ zijiet tagħhom, inklużi dawk ta' Giuseppa Spiteri,* [1] *kien iddikjara testwalment:*
>
> > *"…Illi permezz ta' din in-nota l-esponenti qeghdin jiddikjaraw illi l-ishma kif indikati fil-lista hawn fuq imsemmija huma korretti u dan stante illi jirrizultaw mill-kuntratti relattivi u mit-testmenti relattivi tal-persuni*

[1] Rik.Gur. Nru76/2012, deciz fil-prim istanza fit-28.06.2016

> *involuti u ghalhekk m'ghandhomx oggezzjoni illi l-assi kollha hemm imsemmija jigu divizi fil-kwoti kif indikati…".* [2]

*B'hekk jiġi li Joseph Spiteri ntrabat u aċċetta li l-assi appartenenti l-eredita' ta' Giuseppa Spiteri kellhom jinqasmu skont ma' ġie muri fil-lista li għaliha saret referenza fl-istess dikjarazzjoni tiegħu. Bil-mod kif inħadmu l-ishma rispettivi, ġie li aċċetta wkoll id-disposizzjonijiet testamentari tal-istess testatriċi, li sa dakinhar għalhekk ma kellu ebda kontestazzjoni dwarhom. L-attur presenti l-ieħor, Francis Spiteri, għalkemm ma kienx komparteċipi f'din in-Nota, billi f'dik il-kawża baqa' kontumaċi, jidher li mpliċitament aċċetta wkoll dan il-mod kif kellha ssir id-diviżjoni, għax altrimenti, għalkemm kontumaċi, seta' qajjem l-oġġezzjonijiet tiegħu f'xi Nota ta' sottomissjonijiet qabel ma' dik il-kawża tħalliet għas-sentenza, kif il-liġi tagħtih kull opportunita' li jagħmel, ħaġa li pero' baqa' ma għamilx. B'dan l-aġir tagħhom l-atturi presenti ġew għalhekk li rrinunzjaw għal kwalukwe dritt li seta' kellhom li jikkontestaw xi disposizzjoni minn dan it-testment.*

*L-eċċezzjoni preliminari l-oħra tirrigwarda n-nuqqas ta' nteress ġuridiku fl-atturi li jippromwovu din il-kawża.*

*…omissis…*

*Din l-eċċezzjoni hija konsegwenza naturali tal-eċċezzjonijiet li għadhom kemm ġew ittrattati. Għalkemm jista' jingħad li l-atturi kellhom interess dirett personali u leġittimu jippromwovu din il-kawża, billi huma kienu ser ikunu tnejn mill-eredi ex lege tal-imsemija Giuseppa Spiteri, kemm il-darba kellhom jingħataw raġun fit-teżi tagħhom li l-kondizzjoni mposta mid-decujus fit-testment imsemmi tagħha kienet waħda riżolutiva li ma ġietx rispettata mill-konvenuta Margaret Spiteri, ma jistax jingħad ukoll li dan l-interess kien wieħed attwali. Dan għar-raġuni ndikata hawn fuq u ċioe' li bl-aċċettazzjoni tal-mod kif kellha ssir id-diviżjoni tal-eredita' ta' Giuseppa Spiteri, huma ġew li rrinunzjaw għad-dritt li jikkontestaw it-testment tagħha li a bażi tiegħu ġew stabiliti l-ishma rispettivi tal-kontendenti.*

*Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Margaret Falzon, tilqa' it-tieni, t-tielet u raba eċċezzjoni tagħha, u tilqa' wkoll l-eċċezzjoni "1a" tal-konvenut l-ieħor Salvu Spiteri, u tiddikjara li peress li l-atturi bl-aġir tagħhom stess f'kawża għad-diviżjoni, inter alia, tal-assi ereditarji tal-mejta Giuseppa Spiteri, ġew li rrinunzjaw għad-dritt li jikkontestaw xi disposizzjoni testamentarja li a bażi tagħha kellha ssir dik id-diviżjoni, konsegwentement tilfu ukoll kull interess ġuridiku li jimpromwovu din il-kawża.*

*Għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża. L-ispejjeż ikunu a karigu tal-atturi.*

---

[2] Ara Nota tat-30.01.2015 a fol. 164 tal-process tal-kawża: Nru.76/2012

5. L-atturi appellanti fl-ewwel lok isostnu li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* ġiet korrettament miċħuda mill-ewwel Qorti u li għalhekk mhux qed jappellaw minn tali kap. L-aggravji tagħhom huma, in suċċint, is-segwenti:

- <u>Inkonsistenzi fis-sentenza appellata:</u>

L-appellanti jargumentaw illi ladarba l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tar-*res judicata*, ma setgħetx b'mod loġiku "*taċċetta l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti".* Jargumentaw ukoll li ma kinitx korretta l-ewwel Qorti in kwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ. Isostnu li *se mai* l-ewwel Qorti *"jew kellha tiċħad it-talbiet kollha tal-konvenuti jew taċċettahom kollha".*

- <u>Mhux minnu li l-atturi rrinunzjaw għal kwalunkwe dritt spettanti lilhom mit-testment taz-zija</u>:

L-appellanti jenfasizzaw li l-mertu tal-kawża **Falzon v. Spiteri** 76/2012/JVC huwa differenti mill-mertu tal-kawża odjerna għaliex waħda tirrigwarda d-diviżjoni u l-bejgħ ta' proprjeta` u l-oħra tirrigwarda l-effetti ta' dispożizzjoni fit-testment tad-*decuius*. Jgħidu li għalkemm l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* abbażi tal-fatt li ma

kienx għadu ġie deċiż l-appell fir-rigward tal-kawża 76/2012/JVC, effettivament ma jikkonkorrux l-elementi tal-*eadem res* u l-*eadem causa petendi.* Għalhekk jargumentaw li kwalsiasi aċċettazzjoni li saret minn xi parti f'tali kawża ma kellux ikollha effett fuq it-talbiet tal-kawża odjerna.

- <u>Il-kontumaċja għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni:</u>

L-appellanti jfakkru li huwa ritenut li l-kontumaċja mhux ammissjoni u jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li għalkemm Francis Spiteri huwa kontumaċi, huwa kien impliċitament aċċetta l-mod kif kellha ssir id-diviżjoni, għaliex għalkemm seta` qajjem l-oġġezzjonijiet tiegħu permezz ta' xi nota ta' sottomissjonijiet, dan m'għamlux. Għalhekk isostnu li anke jekk din il-Qorti jirriżultalha li l-attur Joseph Spiteri rrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkontesta (l-effett ta') xi dispożizzjoni testamentarja ta' Giuseppa Spiteri, l-attur l-ieħor Francis Spiteri ma jistax jitpoġġa fl-istess keffa.

- <u>L-interess ġuridiku</u>

Finalment jissottomettu li jekk hemm kundizzjoni li ma ġietx sodisfatta huwa inutli x'ġie maqbul skont it-testment, għaliex dak ma jibqax iktar applikabbli.

6. Il-konvenuta Margaret Falzon wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

7. Il-konvenut Salvu Spiteri ukoll wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

<u>L-ewwel aggravju</u>

8. L-atturi appellanti jargumentaw li ladarba l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* kellha taċċetta l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża, u jsostnu li l-ewwel Qorti kellha jew tiċħad it-"talbiet" kollha tal-konvenuti jew taċċettahom kollha.

9. Margaret Falzon targumenta:

- l-eċċezzjonijiet huma distinti minn xulxin u għalhekk l-ewwel Qorti kienet libera li tiċħad jew tilqa' kull eċċezzjoni individwalment;

- huma biss l-eċċezzjonijiet preliminari li l-partijiet qablu li kellha tingħata sentenza fuqhom, u mhux l-eċċezzjonijiet kollha;

- in oltre l-konvenuti ma ressqu l-ebda "talbiet" iżda eċċezzjonijiet għat-talbiet attriċi.

10. Din il-Qorti taqbel ma' Margaret Falzon li l-eċċezzjonijiet li kellhom jiġu deċizi huma distinti minn xulxin. L-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-appellati li l-atturi rrinunzjaw għal jedd li jikkontestaw it-testment. Din hi eċċezzjoni li tolqot il-mertu u għalhekk l-ewwel Qorti kellha tiċħad it-talbiet attriċi mhux tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tagħhom. Pero` dan mhux il-mertu tal-aggravju u ma jistħoqqlux jiġi milqugħ.

<u>It-tieni aggravju:</u>

11. Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi jgħidu li minkejja l-fatt li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* ġiet miċħuda abbażi tal-fatt li kien għadu ma ġiex deċiż l-appell mis-sentenza tal-kawża l-oħra (76/2012/JVC), iż-żewġ kawżi għandhom mertu distint u għalhekk m'hemmx *res judicata* <u>anke</u> għaliex jonqsu r-rekwiżiti tal-*eadem res* u l-*eadem causa petendi*. Għalhekk isostnu li kwalsiasi aċċettazzjoni li saret minn xi parti f'tali kawża ma kellux ikollha effett fuq it-talbiet tal-kawża odjerna.

12. Huwa minnu li l-mertu taż-żewġ kawżi huwa distint: fil-fatt il-kawża 76/2012/JVC tittratta d-diviżjoni tal-assi ereditarji ta' missier il-kontendenti u dawk taz-zija Francesca Spiteri u taz-zija Giuseppa Spiteri, filwaqt li din il-kawża tittratta l-applikabilita` *o meno* tal-Ħames Artikolu tat-testment ta' Giuseppa Spiteri. Madanakollu ma jfissirx li kwalsiasi aċċettazzjoni tal-applikabilita` tal-Ħames Artikolu tat-testment ta' Giuseppa Spiteri, u allura l-konsegwenti rinunzja tal-jedd li tiġi kkontestata l-applikabilita` tal-Ħames Artikolu, m'għandhiex titqies għall-finijiet ta' din il-kawża.

13. Issa kwantu għall-attur Joseph Spiteri, hu u martu fit-30 ta' Jannar, 2015, kienu ppreżentaw nota fl-atti tal-kawża 76/2012/JVC[3] fejn iddikjaraw is-segwenti:

> *"Illi din in-nota qed issir in ottemperanza mal-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Novembru 2014 u li permezz tiegħu il-mittenti intalbu sabiex jiddikjaraw jekk hemmx qbil mal-ishma indikati a fol 60[4] tal-proċess;*
>
> *Illi permezz ta' din in-nota l-esponenti qegħdin jiddikjaraw illi l-ishma kif indikati fil-lista hawn fuq imsemmija huma korretti u dan stante illi jirriżultaw mill-kuntratti relattivi u mit-testmenti relattivi tal-persuni involuti u għalhekk m'għandhomx oġġezzjoni illi l-assikollha hemm imsemmija jiġu diviżi fil-kwoti kif indikati;*
>
> *…."*

14. Kif spjegat l-ewwel Qorti, Joseph Spiteri ntrabat u aċċetta li l-assi

---

[3] Fol 526

[4] Il-lista a fol 60 kienet ġiet sostitwita b'dik a fol 61 iżda l-kwoti ta' Margaret Falzon vis-à-vis il-wirt ta' Giuseppa Spiteri ma nbidlux.

appartenenti l-eredita` ta' Giuseppa Spiteri kellhom jinqasmu skont ma ġie muri fil-lista li għaliha saret referenza fid-dikjarazzjoni tiegħu u konsegwentement ġie li aċċetta li jiġi applikat il-Ħames Artikolu, ossia li Margaret Falzon hija l-eredi universali ta' Giuseppa Spiteri. Fil-fatt id-dokument a fol 60 (sostitwit b'dak a fol 61) tal-proċess juri biċ-ċar illi sehem Giuseppa Spiteri kellu jmur għand l-attriċi Margaret Falzon.

15. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta qieset li Joseph Spiteri aċċetta li l-konvenuta hi werrieta ta' Giuseppa Spiteri u allura ġie li rrinunzja għall-jedd li jagħmel din il-kawża.

16. Kwantu għall-attur Francis Spiteri, il-kwistjoni dwar jekk dan aċċettax ukoll l-applikabilita` tal-Ħames Artikolu tat-testment ta' Giuseppa Spiteri, tifforma l-mertu tat-tielet aggravju.

<u>It-tielet aggravju:</u>

17. L-ewwel Qorti kkonkludiet li għalkemm Francis Spiteri ma kienx komparteċipi ma' Joseph Spiteri fin-nota li ppreżenta fit-30 ta' Jannar, 2015, fil-kawża 76/2012/JVC, huwa *"impliċitament aċċetta wkoll din il-mod kif kellha ssir id-diviżjoni*" għax għalkemm kien kontumaċi seta' qajjem l-oġġezzjoni tiegħu permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet, ħaġa li ma għamilx.

18. L-atturi appellanti jargumentaw li anke jekk din il-Qorti kellu jirriżultalha li bin-nota tat-30 ta' Jannar, 2015, li ppreżenta Joseph Spiteri, ġie li rrinunzja għad-dritt li jikkontesta d-dispożizzjoni testamentarja, l-istess ma jistax jingħad għal Francis Spiteri. Ifakkru li l-kontumaċja mhix aċċettazzjoni u għanda tiġi nterpretata bħala oppożizzjoni.

19. Fil-fatt huwa minnu li l-kontumaċja mhix aċċettazzjoni u din il-Qorti ma tarax li bil-fatt li baqa' sieket għandu jitqies li ġie li aċċetta "impliċitament" il-mod ta' kif kellha ssir id-diviżjoni u li allura Margaret Falzon hija l-werrieta ta' Giuseppa Spiteri.

20. Madanakollu huwa ferm rilevanti l-punt li jissottolinejaw il-konvenuti appellati fir-risposti relattivi tagħhom tal-appell, ċioe` li Francis Spiteri tħallas mingħand il-werrieta Margaret Falzon il-legat li ħallietlu Giuseppa Spiteri fit-testment tagħha[5]. Fil-fatt fl-atti tal-kawża 76/2012/JVC ġiet ippreżentata r-riċevuta[6] li taqra hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Bis-saħħa tal-preżenti jiena 'l hawn taħt iffirmata Rita Spiteri, li noqgħod….. niddikjara illi* ***f' isem ir-raġel tiegħi Francis Spiteri irċevejt mingħand Mrs Margaret Falzon*** *ta' …… l-ammont ta' elf, seba' mija u sebgħa u erbgħin ewro (€1,747) permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta bin-numru 892843* ***in totali sodisfazzjon tal-legati*** *mħollija lil żewġi Francis Spiteri mingħand Ms Francesca*

[5] ***It-tielet Artikolu:***
*"It-testatriċi tħalli s-somma ta' ħames mitt lira Maltin (Lm500) b'titolu ta' legat lin-neputi tagħha Frankie Spiteri bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari ta' uliedu f' każ li jmut qabel it-testatriċi."*

[6] Fol 265

*Spiteri u **Ms Giuseppa Spiteri".***

21. Bil-fatt li Francis Spiteri aċċetta mingħand Margaret Falzon il-ħlas tal-legat li ħallietlu Giuseppa Spiteri jiġi li kien qed jaċċetta li hu applikabbli l-Ħames Artikolu tat-testment ta' Giuseppa Spiteri, ossia li l-istess Margaret Falzon hija fil-fatt l-eredi universali ta' Giuseppa Spiteri u għalhekk jiġi li rrinunzja għall-jedd spettanti lilu sabiex jippromwovi din il-kawża.

22. Għalhekk dan l-aggravju jirriżulta ukoll infondat.

<u>Ir-raba' aggravju:</u>

23. Finalment l-atturi appellanti jargumentaw li xejn ma jista' jxejjen il-fatt li jekk din il-Qorti tagħżel li tikkonferma t-teżi tagħhom li l-kundizzjoni riżoluttiva fit-testment ta' Giuseppa Spiteri mhix sodisfatta, allura jiġi li huma jirtu *ex lege*, u jkunu intitolati għal porzjon akbar. Isostnu li jekk hemm kondizzjoni li mhix sodisfatta huwa inutli x'ġie maqbul skont it-testment għaliex *"dak ma jibqax aktar in vigore u applikabbli*".

24. Il-Qorti ma tistax tikkunsidra jekk il-kundizzjoni f'Artikolu 5 ġietx sodisfatta, jekk qabel ma tiddeterminax jekk l-atturi aċċettaw li l-konvenuta hi l-werrieta ta' Giuseppa Spiteri. Ġaladarba l-provi juru li huma aċċettaw dak il-fatt, meta t-talbiet fil-konfront tagħhom ma jistgħu

qatt jintlaqgħu. Dan irrispettivament minn jekk il-kundizzjoni li tissemma f'Artikolu 5 tat-testment seħħitx jew le.

25. Għalhekk dan l-aggravju jirriżulta wkoll infondat.

**DEĊIDE**

26. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma l-konklużjoni tal-ewwel Qorti (għalkemm, kif fuq spjegat, fil-każ ta' Francis Spiteri qiegħda tqis li huwa rrinunzja għall-jedd li jippromwovi din il-kawża konsegwenza tal-aċċettazzjoni tal-legat u mhux konsegwenza tal-fatt li baqa' sieket).

27. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da